# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 3 ta` Ottubru, 2018.**

**Talba Nru: 222/2017PA**

**Chempro Limited**

**vs**

**Malta Shipping Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-18 ta` Mejju 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li, fuq inkariġu tas-soċjeta` konvenuta, ipprovdiet u ssupliet *lubricating oil*; li s-soċjeta` konvenuta għandha tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` elfejn, mija u sittin Ewro u ċenteżmu (€2,160.01ċ) għall-imsemmi *lubricating oil*; u li minkejja d-diversi interpellanżi għall-ħlas, inkluż permezz ta` ittra legali datata 22 ta` Marzu 2018, din baqgħet inadempjenti. Għaldaqstant, is-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha s-somma ta` elfejn, mija u sittin Ewro u ċenteżmu (€2,160.01ċ) prezz ta` *lubricating oil* mibjugħ u konsenjat lilha, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta` sekwestru, u bl-imgħax sad-data tal-ħlas.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament rendikont tal-ħlas dovut mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` attriċi, datat 28 ta` Frar 2018

(Dok. A, fol. 4) u kopja ta` ittra legali b'interpellanza għall-ħlas, datata 22 ta` Marzu 2018 (Dok. B, fol. 5).

Ra li s-soċjeta` konvenuta, debitament notifikata bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, naqset li tippreżenta Risposta, u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra n-nota tas-soċjeta` attriċi, ppreżentata fl-udjenza tal-25 ta` Settembru 2018, li permezz tagħha ppreżentat kopja legali tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 1038/2018 ippreżentat kontestwalment ma' din l-azzjoni, in kawtela tal-pretensjoni hawn dedotta in ġudizzju.

Sema' x-xiehda ta` Mario Ellul, direttur u rappreżentant legali tas-soċjeeta` attriċi, li kkonferma li s-soċjeta` konvenuta xtrat mingħand is-soċjeta` attriċi l-materjal, bil-prezz, indikat fl-Avviż tat-Talba, u sallum naqset li tħallas il-prezz tal-istess.

Jidhirli li t-talba tas-soċjeta` attriċi, kif impustata fl-Avviż, tirriżulta pruvata, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha s-somma ta` elfejn, mija u sittin Ewro u ċenteżmu (€2,160.01ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**